Australian Government

NATIONAL BOWELCANCER SCREENING PROGRAM

**L-Isem tal-Prodott**
Kit tal-Programm Nazzjonali tal-Iskrinjar tal-Kanċer tal-Imsaren

**Servizzi tal-Patoloġija**
Dorevitch PATHOLOGY

Imposta l-'Envelopp Blu tal-Impostar' li fih il-kampjuni tiegħek tat-test lil:

Reply Paid 83974
Dorevitch Pathology
FOBT Department
PO Box 5018
Heidelberg West MDC VIC 3081

**Sponser ta':**
**NEW HEMTUBE (B)**
SIEMENS

**Il-Manifattur ta'**
**NEW HEMTUBE (B)**
FUJIREBIO INC.

FOBT002 Version 12/12

**ĦAŻNA TAL-KAMPJUNI TIEGĦEK**

- Aħżen l-Envelopp tal-Impostar blu li fih il-kampjuni f'bejn 2º u 10ºC – il-friġġ hi l-aħjar post għall-kampjuni tiegħek.

**Tagħmilx dan li ġej:**

- Tibdel id-dieta jew il-mediċini tiegħek.
- Tiffriżax il-kampjuni tiegħek.

**Tiġborx kampjuni jekk:**

- Int għandek emorrojdi (murliti) li qed joħrog id-demm minnhom.
- Ikun matul jew fi żmien 3 ijiem ta' kull naħa tal-perjodu menstruwali.
- Hemm id-demm fl-awrina tiegħek jew fil-vaska tat-tojlit – f'dan il-każ int għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek.
- Int ser tagħmel kolonoskopija fil-futur qrib.
- Int kellek problem tal-imsaren fl-aħħar 12-il xahar li bħalissa tinsab taħt il-kura – ikkonsulta lit-tabib tiegħek jekk m'intix żgur.

NATIONAL BOWELCANCER SCREENING PROGRAM

Australian Government

# Kif Tiġbor il-Kampjuni Tiegħek għall-Ittestjar >>>

**Għandek bżonn l-għajnuna?**
Ċempel1800 738 365 mit-Tnejn – sal-Ġimgħa (AEST) bejn id-9am u l-5pm

**Issibha bi tqila taqra l-Ingliż?**
Ċemplilna fuq 13 14 50

Jekk jogħġbok aqra l-paġni kollha qabel ma tieħu l-4 passi faċli biex tiġbor iż-żewġ kampjuni tiegħek.

## Faċli, ħafif, isir f'darek stess meta tkun komdu.

## Ġbir tal-Ewwel Kampjun 1

- Uża l-**ISTIKKA L-BLU**.
- Agħmel awrina , imbagħad ifflaxxja t-tojlit.
- Poġġi l-karta tal-Ġbir bil-kitba wiċċha ‘l fuq, f’wiċċ l-ilma fil-vaska tat-tojlit.
- Poġġi fuq it-tojlit u ipporga fuq il-Karta.
- Il-karti tal-ġbir mhu ser jaffettwaw l-ebda sistema tat-tojlit meta tifflaxxja.
- Poġġi t-tarf tal-**ISTIKKA L-BLU** fil-ħmieġ tiegħek u karkarha ‘l quddiem u lura sakemm ma jkollokx **aktar** minn daqs qamħa ta’ rossa fit-tarf tal-istikka.






- Imbotta l-**ISTIKKA L-BLU** kollha kemm hi fit-Tubu tal-Ġbir sakemm tikklikja u tingħalaq.

*Toqgħodx tinkwieta jekk ikun jidher li kważi ma għadda l-ebda ħmieġ tal-ippurgar fil-likwidu tat-tubu tal-ġbir*

- **IMPORTANTI >** Tneħħiex l-**ISTIKKA L-BLU** wara li tpoġġiha fit-Tubu tal-Ġbir.

## Kif Tagħmel Tikketta u l-Taħżen il-Kampjun tiegħek 2

- Ikteb b-ittri kbar ‘Ismek’, ‘Data tat-Twelid’ u ‘Data tal-Kampjun’ fuq it-tikketta u waħħalha fuq it-Tubu tal-Ġbir.
- Poġġi t-Tubu tal-Ġbir fit-Tubu tat-Trasport bl-għatu invitat.




Agħmel it-Tikketta fuq it-tubu tal-Ġbir **MHUX** fuq it-Tubu tat-Trasport



- Invita l-għatu u poġġih fil-borża li tingħalaq biż-żipp. Issiġilla (l-borża).
- Poġġi l-borża li tingħalaq biż-żipp fl-Envelopp blu tal-Impostar.
- **IMPORTANTI >** Aħżen l-Envelopp blu tal-Impostar biex iżżomm il-kampjuni tiegħek bejn 2° u 10° C – il-friġġ hu post tajjeb.
- **IMPORTANTI >** Tiffriżax.

## Ġbir tat-Tieni Kampjun 3

- Uża **l-iSTIKKA L-ĦAMRA**.
- It-tieni kampjun għandu jittieħed preferibbilment fi żmien 2 sa 3 ijiem. Int tista’ tieħu t-tieni kampjun aktar tard fl-istess ġurnata jekk trid.
- Irrepeti l-passi kollha bħal ma għamilt “f’1. Kif Tiġbor l-Ewwel Kampjun tiegħek” u “2. Kif tpoġġi t-tikketta u taħżen il-kampjun tiegħek”.
- Poġġi dan fit-Tubu tat-Trasport fil-borża magħluqa biż-żipp mat-Tubu l-ieħor imbagħad fl-Envelopp tal-Impustar.





- **IMPORTANTI >** Sakemm timposta l-Envelopp, ibqa’ aħżnu f’post fejn it-temperatura hi bejn l-2° u l-10°C.
- **IMPORTANTI >** Tiffriżax.

## Il-Lista biex Tiċċekkja Meta Timposta 4

- Fuq il-parti ta’ quddiem tal-Envelopp tal-Impostar blu, iffirma ismek fl-ispazju “tal-Firma /ta’ min qed jibgħat (“Sender’s signature)”.
- Fuq in-naħa ta’ wara tal-Envelopp tal-Impostar blu, imla “L-Isem tal-Mittent” u l-“Indirizz tal-Mittent”.

**Poġġi fl-Envelopp blu tal-Impostar bil-posta mħallsa :**

- **IMPORTANTI >** Iffirma u agħmel id-data fil-**Formola tad-Dettalji tal-Parteċipant** (**Participant Details Form**) li tinsab fl-envelopp il-kbir li kien fih il-kaxxa tiegħek ta’ NBCSP.
- Iżżipja l-borża li tingħalaq li fiha ż-żewg Tubi tal-Ġbir bit-tikketta li tpoġġew fit-Tubi tat-Trasport bl-għatu invitat.
- Imposta lura t-test lest tiegħek malajr kemm tista’.
- Meta tkun qed tivvjaġġa biex timposta l-Envelopp tal-Impustar, żommu niexef u kiesaħ (taħt 25°C).

Imposta l-Envelopp tal-Impostar blu fil-ħanut/post ta’ Australia Post.

Jekk ma tistax tagħmel dan, impustah f’kaxxa tal-posta ta’ Australia Post.

**Għandek bżonn l-għajnuna? Tagħrif** • Ċempel 1800 738 365. Tnejn-Ġmgħa (AEST) bejn id-9am u l-5pm • **Il-qari tal-Ingliż huwa diffiċli** • **Servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretar** • Ċempel 13 14 50 • **Web** www.cancerscreening.gov.au